**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU DISGĦA U GĦOXRIN**

**27 ta' AWWISSU, 2014**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Ignatius Farrugia, il-Viċi Sindku Rita Grima u Kunsilliera s-Sinjura Rita Bellizzi, s-Sur Joseph D'Amato, Dr Claudio Zammit, s-Sur Dino Bonnici u s-Sur David Abdilla.

**SKUŻAT**

Il-Kunsilliera s-Sinjur Vincent Marmara u s-Sinjur Kevin Sam Farrugia minħabba safar u l-Kunsilliera s-Sinjur Pierre Farrugia u s-Sur Raymond Grixti minħabba li ma jifilħux. **Dok 1.**

Is-Sur Ayrton Farrugia – Ambaxxatur tal-Vot 16 għal-lokalita'.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Is-Sindku Ignatius Farrugia ppesieda l-laqgħa.

**29.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

29.1.1 Il-minuti ta' seduta 28 ġew approvati.

***29.2*** ***Approvazzjoni tal-Minuti tal-Kumitat Amministrattiv Ta' Bubaqra***

29.2.1 Il-minuti tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra numru 3 ġew approvati.

**29.3** **Approvazzjoni tal-Minuti tas-Sotto Kumitati – tal-Anzjani u Żgħażagħ u Edukazzjoni u Anzjani**

29.3.1 Għal din is-seduta ma kienx hemm minuti x'jiġu approvati.

**29.3** ***Approvazzjoni tal-Minuti tar-Reġjun Nofsinhar u Gal Xlokk***

29.3.1 Ġew approvati l-minuti tar-Reġjun Nofsinhar numru 10 u 11 tal-Gal Xlokk numru 47 u 48.

***29.4*** ***Kommunikazzjoni mis-Sindku***

29.4.1 Is-Sindku qal li waqt laqgħa li kellu mal-Gal Xlokk kien hemm qbil li ssir attiita' kulturali fiż-Żurrieq. Il-programm tal-attivita' għad irid jinħadem.

Is-Sindku Ignatius Farrugia ssuġġerixxa li din l-attivita' issir fit-12 ta' Ottubru, biex tkun inkorporata mal-attivitajiet li l-Kunsill ser jagħmel meta ser jilqa' delegazzjoni minn Borgo Maggiore.

Kien hemm qbil fuq dan.

29.4.2 Is-Sindku qal li reġgħa ġie mistieden mis-Sindku ta' Morphou biex jattendi ċ-ċerimonji li jsiru f'Ċipru, f'Ottubru li ġej.

Is-Sindku qal li minħabba x-xogħol tiegħu ma setax jattendi għal din il-manifestazzjoni, u tkellem ukoll mal-Kunsillier inkarigat mill-ġemellaġġi Dr Claudio Zammit, li għall-istess raġuni lanqas ma seta' jattendi. Is-Sindku ssuġġerixxa għalhekk li jattendi l-Kunsillier David Abdilla. Kien hemm qbil fuq dan.

F'dan il-ħin daħal fl-uffiċċju l-Kunsillier Claudio Zammit (18.40)

29.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li daħlu 47 CV għall-post vakant ta' skrivana full time mal-Kunsill. Minnhom saret short listing u nqatgħu 17 għaliex kien hemm minn kellu CV mhux preżentabbli, ma kellhomx kwalifiki, kienu 'l fuq minn 53 sena u kien hemm żewġ applikanti minn Għawdex. It-tletin persuna oħra ġew imsejħa biex jattendu għall-interview fid-19 ta' Awwissu, 2014 bejn it- 8.30am u s-13:00. Minn dawn kien hemm 14 –il persuna li m'attendewx għall-interview u mit- 16 –il persuna li attendew ġew short listed għal 5 persuni. Il-bord li kien magħmul mis-Sindku Ignatius Farrugia, l-Viċi Sindku Rita Grima, il-Kunsillier Pierre Farrugia u s-Segretarju Eżekuttiv iddeċieda li jgħati opportunita' ta' jumejn kull wieħed lil dawn il-persuni, sabiex jaraw it-tip ta' xogħol li jeħtieġ isir fil-Kunsill, u kif ukoll il-Kunsill jkun jista jqis il-ħiliet tagħhom.

Is-Segretarju Eżekuttiv żieded tgħid li llum ġiet imwissija li l-Kunsill ma jistax jgħati prova ta' jumejn xogħol lil persuni biex jiġu short listed, għalhekk hi ser tavża lil persuni li jmiss li jiġu għall-prova b'dan li l-massimu ta' ħin li jistgħu jgħamlu hu ta' 3 siegħat.

29.4.3 Il-Ministeru għall-familja u Solidarjeta' Soċjaqli staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv biex tressaq fis-seduta li d-Direttur is-Sur Degiorgio għandu bżonn laqgħa ma' rappreżentant mill-Kunsill biex jitkellem fuq il-bżonn ta' crash barrier fejn s-sit tal-uffiċċju tas-Sigurta' Soċjali. Kien hemm qbil li l-Kunsill jgħamel appuntament magħhom fis-17 ta' Settembru, 2014 fit-8.30am.

29.4.4 Residenti qed jitolbu li ssir 'U' bar viċin Barbara Press fi Vjal ix-Xarolla minħabba l-periklu tal-vetturi li jgħaddu eżatt mal-bankina. Kien hemm qbil fuq dan.

29.4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li b'referenza għat-tender PYF67/01/14 u fuq qbil tal-Kunsill, hi tkellmet mar-rappreżentant tal-kumpanija Forestals u urit l-intezjoni tal-Kunsill imma minħabba li kien u għadu imsiefer ser jagħti risposta lill-Kunsil meta jiġi mis-safar. Hekk kif is-Segretarju Eżekuttiv ikollha l-informazzjoni tressaqha b'email lill-kunsilliera kollha.

29.4.6 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet suġġeriment minn residenti li jixtiequ li quddiem Ġnien il-Ġibjun ikun hemm parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilta' u rampa fid-dħul tal-ġnien.

Kien hemm qbil li tiġi ordnata 'reserved parking' speċifikament għall-persuni b'diżabilita'. Rampa fid-dħul tal-ġnien hemm diġa.

29.4.7 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talbiet li għamlet is-Soċjeta Mużikali Santa Katarina VM:

- *qabel ma sar it-tarmak f'Misraħ Mattia Preti u Triq P P Saydon, is-Soċjeta' kienet tuża ħofor għal madwar l-istatwa u tali ħofor ġew mgħottija. Il-Kunsill qed jintalab biex jagħti permess li dawn jerġgħu jitħaffru.*

Kien hemm qbil li l-Kunsill jgħati tali permess u jenfasizza li l-ħofor jiġu mgħottija b'għatu tal-ħadid meta ma jintużawx, biex jiġi evitat id-dħul tal-ilma taħt wiċċ it-triq.

- *Iridu permess biex iħaffru trinka għal ġox-xelter ta' Misraħ ir-Repubblika li taf tinvolvi ukoll tħaffir fi Sqaq il-Ħelu.*

Kien hemm qbil li l-Kunsill jagħti tali permess u jenfasizza li r-reinstatment tax-xogħol isir bl-istess materjal ta' dak eżistenti.

- *Iridu permess għall-parkeġġ riservat fi Triq Bronja/Triq Inglott, biex fuqha jipparkja trasport li ser iġorr lid-*

*delegazzjoni Ġermaniża(bandisti) u l-istrumenti tagħhom waqt il-ġranet tal-festa.*

Kien hemm qbil li l-Kunsill jgħati permess għall-parkeġġ riservat f'dawn il-ġranet 31 ta' Awwissu, 4, 6 u 7 ta' Settembru, fil-ġranet u ħinijiet meta tali bandisti ser jagħtu s-servizz tagħhom. Il-Kunsill ma tax permess għall-parkeġġ riservat fil-ġranet li tali delegazzjoni mhux ser toffri s-servizz tagħha.

29.4.10 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet rendikont li għamel il-perit fuq l-ammont ta' patching li sar bit-tender preċedenti.
Hot Asphalt – 564 metru kwadru u Cold Asphalt 1,482 metru kwadru.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġiet mitluba titlob lill-perit in-nefqa separata tax-xogħol li sar.

***29.5 Funtana fi Vjal il-Blue Grotto***

29.5.1 Is-Sindku qal li l-funtanta ta' Vjal il-Blue Grotto qed tiswa lill-Kunsill ħafna spejjeż u xogħol u xorta mhux qed taħdem. Is-Sindku ssuġġerixxa li tali funtanta titneħħa u ssir waħda bħal m'hemm il-Marsa.

Kien hemm qbil is-Segretarju Eżekuttiv titkellem mal-ELC li jieħdu ħsieb tali *roundabouts* u tistaqsi xi jrid jagħmel il-Kunsill biex ir-roundabout taż-Żurrieq tiġi simili għal dawk li qed isiru bħalissa.

Bħalissa l-funtana reġgħet mhux qed taħdem minħabba problemi fil-pompa u ħsara estensiva tal-ġiebja.

***29.6*** **Bring in Sites u CCTVs**

29.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kuntratt li għandu l-Kunsill mal-Wasteserv fuq il-Bring in Site skada fil 31 ta' Lulju, 2014 u dak tal-Green Pak fadallu sad-19 ta' Diċembru 2015.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill fuq il-laqgħa li saret ma' rappreżentant tal-kumpanija G4S li bi sħab mar-Reġjun Nofisnhar lesti li joffru 4 CCTV fejn irid il-Kunsill. L-ispiża totali bil-manutenzjoni, installazzjoni, 4 *cameras* u rrekordjar hi ta' €2,120. Ir-Reġjun Nofsinhar lest li jħallas €2,000.

Kien hemm qbil li l-Kunsill jidħol f'din l-iskema u ssuġġerixxa li l-ewwel 4 CCTVs isiru :
Ġnien il-Ġibjun, fejn il-Bring in Sites ta' Triq il-Barrieri, Triq Kalang Bugeja u Triq P P Pullicino.

Kien hemm qbil li l-Kunsill jistaqsi lill-Kuntrattur li ħadmilna ic-CCTV

ta’ Triq il-Barrieri biex nistaqsu jekk tistax tiġi spustjata għall-uffiċċju tal-Kunsill.

***29.7 Ilma fi Triq Wied Babu***

29.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li reġgħa kellha ilmenti minn residenti ta’ Wied Babu li xtaqu li l-Kunsill isolvi l-problema tad-dħul tal-ilma fil-basement.

Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill jagħmel appuntament mal-Perit William Lewis fir-rigward, fuq il-post.

***29.8 Sistema tat-traffiku fi Vjal ix-Xarolla***

29.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet petizzjoni li l-Kunsill ġabar mir-residenti ta’ Vjal ix-Xarolla (wara diversi diskussjonijiet u rapport mill-Perit tal-Kunsill u hekk kif intalab jagħmel minn Transport Malta) li jridu s-sistema tat-traffiku tiġi ‘one way’ minn Triq il-Belt Valletta għall-Mitħna tax-Xarolla. Hi ressqet ukoll ittra minn resident fi Triq San Pawl, ittra mis-sidien tal-pompa tal-petrol fi Vjal il-Blue Grotto u petizzjoni minn bosta residenti ta’ Triq San Pawl/ Triq Testaferrata li ma jridux li l-volum tat-traffiku li qabel kien jgħaddi minn Vjal ix-Xarolla issa jibda jgħaddi minn Triq San Pawl.

Wara diskussjoni, l-Kunsill qabel li l-prijorita’ tiegħu dejjem tkun li titwessa Vjal ix-Xarolla u li ser ikompli jinsisti mal-Gvern biex dan isir. Il-Kunsill ra l-ġid ħolistiku tal-lokal kollu u ra ukoll li s-sistema tat-traffiku li qed jipproponi kienet diġa saret għal diversi xhur waqt li TM kienet qed tagħmel xogħol fi Triq il-Belt Valletta.

Kien hemm qbil li l-Kunsill jibgħat il-petizzjoni li ġabar, għall-approvazzjoni tat-TM u jipproċedi bil-pjan tiegħu li Vjal ix-Xarolla ssir ‘one way’, liema one way tibda preċiżament fil-kantuniera bejn Triq De Mello u Vjal ix-Xarolla (ħdejn Euro Caterers). Id-direzzjoni tat-traffiku għandha tkun ‘il fuq (minn Triq Valletta għal ġo Vjal ix-Xarolla).

***29.9 Approvazzjoni : Xogħlijiet u Servizzi***

29.9.1 Il-Viċi Sindku Rita Grima nfurmat li rċeviet ilmenti li fi Triq tal-Ġonna hemm diversi inġenji kbar ipparkjati u ġebel imwaqqa

Kien hemm qbil li l-Kunsill jinforma lill-Pulizija/wardens bis-sitwazzjoni.

29.9.2 Il-Viċi Sindku nfurmat li residenti ta’ Triq Rokku Buhagiar k/m Vjal ix-

Xarolla qed jitolbu parking bays.

28.9.3 Il-Kunsillier Rita Bellizzi ġibdet l-attenzjoni li :

- il-funtana tal-Ġnien tal-Ġibjun tinsab kollha agħżiż.
- Biex isiru tabelli ta' direzzjoni tat-traffiku f'Tal Bebbux waqt il-festa ta' Santa Katarina minħabba d-devjazzjoni tat-traffiku.

Ġiet infurmatha li l-Kunsill informa lill-għassa taż-Żurrieq u lis-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina biex isiru t-tabelli meħtieġa.

28.9.4 Il-Kunsillier Claudio Zammit informa li l-Kunsill ta' Borgo Maggiore nforma lill-Kunsill taż-Żurrieq li bejn il-11 u l-15 ta' Ottubru ser tiġi delegazzjoni tagħhom f'Malta. Din ser tkun l-aħħar mawra tal-Kunsill preżenti kif iffurmat, ghaliex f'Novembru ghandhom l-elezzjonijiet lokali. Għalhekk il-Kunsillier Claudio Zammit issuġġerixxa li l-Kunsill taż-Żurrieq joħroġ l-ispejjeż tat-trasport u gwida għad-delegazzjoni li ħa żżurna. Issuġġerixxa wkoll li jekk id-delegazzjoni tkun ta' erba' persuni jew inqas, il-Kunsill iħallas ukoll għall-akkomodazzjoni tagħhom. Issuġġerixxa wkoll li ssir ikla mill-kunsilliera flimkien mad-delegazzjoni, kif ukoll tingħata tifkira lill-kunsilliera ta' Borgo Maggiore individwalment u lill-Kunsill, u dan kollu b'ġest ta' ħajr għat-tajjeb kollu li sar min-naħa tal-Kunsill ta' Borgo Maggiore kull meta ż-Żrieraq żaruhom. Kien hemm qbil fuq dan kollu

Kien hemm qbil fuq dan kollu.

28.9.5 Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li fuq il-programm li ser tagħmel l-Orkestra taż-Żurrieq f'Settembru ser ikun hemm bżonn li :

- jinxtraw 40 siġġu u jinkera garaxx jew post fejn il-bandisti jkunu jistgħu jagħmlu r-*rehearsal* tagħhom qabel il-programm. Ser ikun hemm bżonn 6 rehearsals.
- Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li sab persuna li għandu garaxx li lest li jżomm fih is-siġġijiet li ser jinxtraw, l-istrumenti u s-sound meħtieġ għall-orkestra u kull darba li jsir ir-rehearsal iżomm l-ammont ta' €15.

F'dan il-ħin il-Kunsillier Joseph D'Amato ħareġ mis-seduta minħabba kunflitt ta' interess.

Kien hemm qbil li l-Kunsill jixtri 40 siġġu u jikri l-garaxx li jinsab fi Triq il-Luq għall-ammont ta' €15 għas-6 okkażjonijiet, bilpatt li l-affarijiet imsemmija jinżammu fl-istess garaxx mingħajr spejjeż.

Il-Kunsillier Joseph D'Amato daħal lura għas-seduta.

28.9.6 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li qabel tagħmel l-ewwel xita hemm bżonn li jitnaddfu l-*culverts* tat-toroq. Kien hemm qbil li ninfurmaw

lill Gejtu Galea sabiex jibda jnaddafhom.

28.9.7 Il-Kunsillier Joseph D'Amato informa lill-Kunsill li minħabba li d-dipartiment tal-Artijiet aċċetta li nofs art f'Tal Bebbux tingħatha lill-Kunsill għal servizzi fil-komunita. Hu ppropona li l-Kunsill jitlob l-għajnuna tal-Onorevoli Michael Falzon fejn jipproponi li dak li jixtieq il-Kunsill jintlaħaq.

28.9.8 Il-Kunsillier Joseph D'Amato rrefera għall-istedina li l-Kunsill irċieva mingħand Heritage Malta għal żewġ wirjiet Kultruali. Hu ssuġġerixxa lill-Kunsillier Rita Bellizzi biex taħdem fuq dawn l-istediniet.

28.9.9 Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li kien avviċinat minn persuna li xtaqet tagħmel wirja ta' pittura fil-Mitħna tax-Xarolla.

Is-Sindku informa li tali persuna diġa kellha okkażjoni turi x-xogħol tagħha f'Festa Ħut u l-Kunsill jista jerġgħa jistidinha għall-Festa Ħut ta' sena oħra. Kien hemm qbil fuq dan.

28.9.10 Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa f'hiex wasal il-proġett tal-*Out door gym* f'Tal Bebbux. Il-Kunsillier David Abdilla informa li hu setgħa jagħti l-għajnuna tiegħu billi jkellem lil min hu kkonċernat.

28.9.11 Il-Kunsillier Dino Bonnici ssuġġerixxa li l-Kunsill jiġbor stimi ta' *bicycle rack* u ssir waħda fiċ-ċentru.

Kien hemm qbil li l-Kunsill jagħmel ordni għal waħda u jinstallaha fi Triq Mons. P P Saydon fil-parti fejn hemm bankina wiesgħa viċin l-knisja.

**28.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti**

28.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 2** għall-ammont totali ta' **€32,685.15**

Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Ignatius Farrugia u mil-Kunsilliera Rita Bellizzi u Dino Bonnici.

**29.11 Data tas-seduta li jmiss.**

28.11 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fid-8.40 ta' filgħaxija. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 24 ta' Settembru, 2014, fis-6.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ___ ta’ Settembru, 2014

| | |
|---|---|
| Ignatius Farrugia | Josianne Cilia Mumford |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |